20 ta' Marzu, 1948

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Avv. Dr. Enrico Borg Olivier et. ne. *versus* Stella Baldacchino

**Testment — Kondizzjoni — Dekadenza — Legat — Art. 748 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-obligu impost mit-testatur lill-legatarju li ma għandux jagħmel ebda tentattiv, dirett jew indirett, biex jopponi ruħu għal kull waħda mid-dispożizzjonijiet testamentarji, jew anki li jitlob lill-Awtorità Ekkleżjastika r-riduzzjoni ta' xi laxxiti minnu mħollija, ma jidhirx li huwa xi kondizzjoni impossibili, jew kuntrarja għall-liġi jew għall-bwoni kostumi, sabiex id-dispożizzjoni hekk kondizzjonata tkun ma tiswiex jew nulla.*

*Fil-każ preżenti l-konvenuta ġiet dikjarata dekaduta mill-legat imħolli lilha mit-testatur taħt dik il-kondizzjoni, billi hija kienet għamlet supplika lill-Awtorità Ekkleżjastika biex tottjeni xi sussidju minn xi legati ordnati mit-testatur.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi nomine talbu li billi Carmelo Sammut, bit-testment sigriet tiegħu tad-29 ta' Settembru 1934, miftuħ u publikat fl-attijiet tan-Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier tat-8 ta' Ġunju 1938, ħalla b'titolu ta' legat lill-konvenuta, waħda mis-sitt itfal ta' Giovanni Balducchino, is-somma ta' £33. 6. 8, bil-komminazzjoni li titlef dan il-legat jekk tirrikorri lejn l-Awtorità Ekkleżjastika u titlob ir-riduzzjoni tal-laxxiti, ossija legati, mħollija lil diversi

Istituti Karitatevoli u Opere Pie (dok. A); u billi l-konvenuta, wara li rċeviet minn għand l-atturi l-imsemmi legat ta' £33. 6. 8, irrikorriet lejn is-Santa Sede biex tagħtiha parti mill-legati mħollija lill-imsemmija Istituti Karitatevoli u Opere Pie (dok. B u C); wara li tkun premessa d-dikjarazzjoni li l-konvenuta tilfet l-imsemmi legat, il-konvenuta tiġi kundannata li tirrestitwilhom u tħallashom l-imsemmija somma ta' £33. 6. 8, bl-interessi legali min-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż, kompriżi l-ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Lulju 1947;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill provi jirriżulta li l-lum mejjet Sur Carmelo Sammut, bit-testment tiegħu tad-29 ta' Settembru 1934, publikat fl-attijiet tan-Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier tat-8 ta' Ġunju 1938, fl-artikolu tlittax (13), ħalla legat konġuntiv lit-tfal subien u bniet ta' Giovanni Baldacchino, ħu l-mara tat-testatur, li kienet fl-epoka tat-testment imsemmi diġà mietet, li jkunu ħajjin fil-mewt tiegħu, is-somma ta' £200 għal darba waħda biss u konġuntament bejniethom; u fl-artikolu sbatax (17) iddispona li jekk xi ħadd mill-imsemmija legatarji "tentasse con qualsiasi mezzo, direttamente o indirettamente, di opporsi a qualcuna delle anzidette mie disposizioni testamentarie, di chiedere anche alla Suprema Autorità Ecclesiastica la riduzione dei lasciti da me fatti ad istituti caritatevoli od opere pie, costui "ipso facto" s'intenderà decaduto dal legato a lui lasciato e da ogni vantaggio derivante a suo favore dal presente testamento, e l'importo del legato o lascito così perduto andrà a favore di tutti gli altri legatari suddetti da me beneficati con questo mio testamento agli articoli 8, 9, 10, 11 e 12, e che appositamente interpellati dai miei esecutori testamentari avranno, entro un mese dalla notifica, dichiarato di accettare ed approvare tutte e singole le anzidette mie disposizioni testamentarie, e tra loro l'importo di detto legato o lascito sarà conseguito "per capita" in quote uguali";

Illi fit-13 ta' Diċembru 1938, bl-iskrittura privata (dok. B) eżibita, l-eżekuturi testamentarji tad-decujus fuq imsemmi ħallsu lill-konvenuta, fost oħrajn, ir-rata tagħha tal-legat imħolli fl-art. 13; u għall-finijiet ta' l-art. 17 ta' l-istess test-

ment l-istess konvenuta iddikjarat li taċċetta u tapprova "tutte e singole le disposizioni contenute in detto testamento";

Illi fit-22 ta' Frar 1940 il-konvenuta għamlet supplika lil Sua Santità l-Papa, li ppreżentat *il-Kurja Arċiveskovili* fit-23 ta' Frar 1940, minn fejn jidher li talbet sussidju mill-laxxiti mħollija mid-decujus, wara li esponiet li l-istess decujus kien ħallielha xi £23 ċirka għal darba waħda, li hija kienet tiġi neputija tal-mara tat-testatur, li biex tgħix kienet taqla' biss £72 fis-sena li ma kienux iservuha għall-manteniment tagħha, ta' ommha marida, oħtha u ħuha morda, *tant li ta' spiss kien* ikollha tirrikorri għand xi persuni karitatevoli;

Illi in vista ta' dan l-atturi jippretendu li l-konvenuta ddekadiet mill-legat li hija konġuntament ma' oħrajn kienet ġiet imsejħa għalih, mentri l-istess konvenuta tippretendi li l-kondizzjoni apposta hija illegali, u per konsegwenza nulla;

Tikkunsidra;

Illi l-komminazzjoni "de quo dicimus" hija rakkjuża fil-kliem "tentasse con qualsiasi mezzo, direttamente o indirettamente, di opporsi a qualcheduna delle anzidette mie disposizioni testamentarie, o di chiedere anche alla Suprema Autorità Ecclesiastica la riduzione dei lasciti da me fatti ad istituti caritatevoli od opere pie, costui "ipso facto" s'intenderà decaduto dal legato a lui lasciato e da ogni vantaggio derivante a suo favore dal presente testamento, ecc."; u d-devoluzzjoni, fi-każ ta' dekadenza, kellha skond il-menti tat-testatur tmur a favur tal-legatarji benefikati fl-art. 8, 9, 10, 11 u 12, u li ried u ordna li jkunu mill-eżekuturi appożitament interpellati sabiex jirrispondu fi żmien xahar min-notifika li huma aċċettaw id-dispożizzjoni kollha u partikulari, u b'hekk il-legat ta' bejniethom ikun jista' jittieħed "per capita" u fi kwoti ugwali;

Illi l-obbligu impost mid-decujus lill-legatarji, li huma ma jagħmlu ebda tentattiv bl-ebda mezz, dirett jew indirett, fis-sens li *joppomu ruħhom* lil kull waħda mid-dispożizzjonijiet tiegħu, jew li jitolbu lill-Awtorità Ekkleżjastika r-riduzzjoni ta' xi laxxiti minnu magħmula, ma jidherx li huwa xi kondizzjoni impossibili jew kuntrarja għall-liġi jew għall-bwoni kostumi, kif huwa kontemplat fl-art. 409 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, il-lum inkorporat fl-art. 748 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23

ta' l-Edizzjoni Riveduta, sabiex id-dispożizzjoni hekk kondizzjonata tkun ma tiswiex jew nulla;

Illi i-fatt li l-konvenuta ppreżentat is-supplika msemmija wara li aċċettat li toqgħod għat-testment sakemm irċeviet issehem tagħha mill-legat, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, jikkostitwixxi dak it-tentativ li t-testatur ried li ma jkunx hemm għall-ottениment tal-legat. Huwa minnu li skond il-ġurisprudenza kwa!unkwe klawso!a ta' dekadenza imposta lill-eredi, filkaż ta' impunjazzjoni totali jew parzjali ta' dispożizzjoni testamentarja, ma jistax ikollha l-effikaċja li tolqot id-drittijiet ta' l-eredi naxxenti jew derivanti minn dispożizzjonijiet oħra, imma dik il-ġurisprudenza ma tapplikax ruħha għall-każ preżenti, fejn il-konvenuta hija sempliċi legatarja, u mhix la eredi u lanqas prelegatarja;

Illi lanqas huwa ta' ebda ġjovament lill-konvenuta l-fatt li Monsinjur Bonnici xehed li huwa, bħala wieħed mill-legatarji li jista' jgawdi mid-dekadenza ta' l-istess konvenuta għal dak li jirrigwarda r-rappreżentati minnu, jixtieq li ma jkunx hemm dik id-dekadenza; il-għaliex fost il-legatarji l-oħra li jistgħu jgawdu mid-dekadenza jista' jkun hemm oħrajn li ma humiex disposti jkunu hekk ġenerużi bħalu, u l-għaliex huwa dmir l-eżekuturi jaraw li tkun adempjuta l-volontà tad-decujus; salv li l-legatarji kollha, jekk hekk ikunu jridu u huwa lilhom permess, jistgħu jaħfru lill-konvenuta dika l-penalità imposta — ħaġa li mhux dmir dina l-Qorti tintrattjeni ruħha fuqha;

Illi kwindi t-talba attriċi tidher, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, ġustifikata;

Għal dawna r-raġunijiet;

Taqta' u tiddeċidi, wara li tiddikjara lill-konvenuta dekaduta mill-imsemmi legat, billi tikkundannaha tħallas l-ammont riċevut bħala sehemha mill-legat imsemmi, ekwivalenti għal £33. 6. 8, bl-imgħax legali min-notifika taċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż kif mitlub kontra tagħha.